## 1693 – It-terremot u l-bini mill-ġdid tal-Katidral ta' l-Imdina (2)

# L-ISQOF COCCO-PALMIERI U L-BINI TAL-KATIDRAL FL-1697

Minn **MICHAEL GALEA**

**Sadattant il-katidral fil-bini tiegħu kien safa milqut sewwa, u kien hemm il-ħtieġa li jinbena mill-ġdid. L-Isqof djoċesan ta' dak iż-żmien kien Fra Davide Cocco-Palmieri, li ismu jibqa' marbut ma' l-istorja tal-knisja katidrali f'Malta. Prelat distint, mogħni b'virtujiet u dehen, huwa twieled fl-1632 f'Pesco Costanzo, fil-Provinċja ta' Abbruzzo, fil-Kalabrija. Wara li kien temm l-istudji tiegħu fl-Abbazija ta' Montecassino u f'Napli, huwa kiseb il-kariga ta' Riċevitur fi ħdan l-Ordni tal-Kavallieri, u aktar tard kappillan konventwali fl-istess Ordni.**



Il-bieb ewlieni tal-Katidral il-qadim ta' żmien in-Normanni (Mdina)

Cocco-Palmieri okkupa diversi karigi oħra importanti fi ħdan l-Ordni. Bħala saċerdot kien qrib ħafna ta' Mons. Luca Bueno, li, minn Prijur tal-Knisja ta' San Ġwann, aktar tard ġie nominat Isqof ta' Malta.



L-Isqof Davide Cocco-Palmieri (1684-1711)

Cocco-Palmieri ġie kkonsagrat Isqof ta' Malta fl-4 ta' Ġunju 1684 f'Ruma. Ħalla warajh ħidma kbira pastorali li kienet tinkludi żewġ Viżti Pastorali (1685 u 1692) u Sinodu (1703). Iżda waħda mill-ħidmiet ta' l-Isqof Cocco-Palmieri kienet il-bini mill-ġdid tal-katidral ta' l-Imdina — "*la sontuosa e nobile fabbrica della Cattedrale fatta risorgere da fondamenti in forma magnifica*." (12)

Il-Knisja nbniet fuq pjanta tal-magħruf Lorenzo Gafà (1630-1710). Huwa kellu 67 sena meta ħa f'idejh din il-biċċa xogħol. Kien studja l-arkitettura f'Ruma, fejn kien hemm ukoll ħuh, l-iskultur Melchiorre. Lorenzo ntbagħat Ruma mill-Kunsill ta' l-Ordni biex jissorvelja x-xogħol ta' l-altar maġġur li kellu jitwaqqaf fil-knisja ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. Lura f'Malta, Lorenzo Gafà ħalla patrimonju kbir ta' arkitettura barokka. (13)

Jingħad li Lorenzo Gafà, b'att ta' ġenerożità, ma ried jirċievi ebda ħlas għax-xogħol tiegħu, u għalhekk il-Kapitlu tal-Katidral kien waqqaf fundazzjoni ta' quddiesa anniversarja perpetwa b'suffraġju għal ruħu. (14)



Il-Katidral ta' l-Imdina minn ġewwa

### FATT KURJUŻ

L-ewwel ġebla tal-Knisja Katidrali l-ġdida tqiegħdet fil-21 ta' Mejju 1697. (15) Meta kienu qed jithejjew il-pedamenti tal-knisja ġara fatt kurjuż.

Il-ħaddiema kienu bdew iħaffru biex jitqiegħdu l-pedamenti. Kien jum is-Sibt, 12 ta' April 1698, meta sar magħruf minn tifel ta' wieħed mill-bennejja li fuq il-post tad-dar, li ftit xhur qabel il-Kapitlu kien xtara mingħand Eufrasia Tonna biex setgħet tikber il-pjazza ta' qrib il-knisja, kienu nstabu xi muniti tad-deheb. Dan ġara waqt li l-ħaddiema kienu qegħdin iħejju l-pedamenti għal-knisja li kellha tinbena mill-ġdid.

Malajr kienu marru fuq il-post il-kanonċi Salvatore Teuma, Ferdinando Castelletti u Gio Francesco Mangion, li, flimkien mal-Kanonku Giovanni Attard, kienu ġew deputati mill-Kapitlu biex jieħdu ħsieb il-bini tal-Katidral. Hemmhekk, taħt il-livell tat-triq, kien hemm vażun jew urna tar-ram ta' għamla pjuttost ovata milli tonda.

Din l-urna kienet mqiegħda ġo l-art tħares 'l isfel u ntlaqtet b'daqqa ta' fies, b'mod li xi muniti nxterdu ma' l-art. L-urna u l-flus tqiegħdu kollha fi xkora u ttieħed kollox fis-sagristija fejn soltu jinżammu l-flus tal-knisja. Imbagħad reġa' tqiegħed kollox f'kaxxa li nqaflet b'żewġt iċwievet.

Il-kaxxa nżammet fid-dar tal-kanonku Castelletti, filwaqt li ċavetta waħda ħadha l-kanonku Teuma u ċ-ċavetta l-oħra żammha l-kanonku Mangion, sakemm kellha tittieħed deċiżjoni dwar dawk il-flus. Dawn il-flus ġew stmati li jammontaw għal 8733 skud.

### RIFERENZI


(12) Bibjoteka Nazzjonali Malta (BNM) Ms 21, f.143.
(13) Hughes, Q.: *The Building of Malta* 1530-1795,p.212.
(14) Dimech. A.: op.cit., p.233.
(15) Dimech, A.: op.cit., p.232.